## Giuseppe Cali

# PITTUR TA' FAMA KBIRA F'PAJJIŻNA

PATRI HERMANN DUNCAN O.CARM

Fost il-ħafna artisti ta' fama kbira li nsibu f'pajjiżna, bla dubju ta' xejn huwa l-pittur Giuseppe Cali. F'ħafna knejjes tagħna nsibu pitturi tiegħu li huwa diffiċli nsemmuhom kollha, għax dan l-artist kważi għandu pittura waħda f'kull knisja Maltija.

Giuseppe Cali twieled il-Belt Valletta nhar l-14 ta' Awwissu 1846, minn Raffaele Cali li kien xenografu fit-Teatru Rjal u Giovanna, xebba Padiglione, li kienet mezzo-soprano. It-tnejn kienu Naplitani li ġew hawn Malta fiż-żmien ir-Risorgiment Taljan li kien qiegħed isir fl-Italja dak iż-żmien.

Fil-familja tiegħu nsibu xi wħud li kellhom imħabba kbira lejn l-arti. Meta kien għadu żgħir, intbagħat jistudja Napli, fl-Accademia di Belle Arti. Dak iż-żmien ma tantx kont tisma' b'artisti li marru jistudjaw barra minn Ruma għax kollha hemm kienu jmorru. Kemm dam l-Italja, Giuseppe Cali tgħallem taħt Giuseppe Mancinelli, iżda malajr għogbitu l-istil realistiku ta' Domenico Morelli, li dak iż-żmien kien l-aqwa artist Naplitan.

Meta ġie lura Malta jidher biċ-ċar li beda juża l-istil ta' Morelli, li nistgħu naraw b'mod partikulari fil-famuż kwadru tal-mewt ta' Dragut li kien għamel fl-1867 u li kien inxtara mill-Gvern Malti u tpoġġa fl-Armerija tal-Palazz. F'dan il-kwadru tidher qawwija l-influwenza tar-romantiċiżmu Franċiż.

Ftit żmien wara li ġie Malta, jiġifieri fl-1871, huwa żżewweġ lil Perennia Pace, mill-Isla. Tajjeb li ngħidu li fost l-għaxart'itfal li kellu, insibu l- pittur Ramiro Cali.

Influwenza tar-romantiċiżmu li ġab miegħu minn Napli, nistgħu narawh f'ħafna mill-ewwel xogħlijiet tiegħu, bħal fil-każ tal-kwadru ta' artal għall-parroċċa tal-Mosta li juri l-Madonna tar-Rużarju, li ħadmu fl-1870, u li kien l-ewwel xogħol għall-knejjes ta' pajjiżna. Naraw l-istess influwenza meta fl-1881 għall-parroċċa ta' Sacro Cuor f'Ta' Sliema ħadem il-pitturi ta' San Lawrenz u s-sena ta' wara, ta' San Ġlormu. Dan l-istil jidher ukoll fil-kwadru li hu pinġa fl-1885 għall-parroċċa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, dak ta' San Ġużepp bil-Bambin, u dak tal-Martirju ta' San Dimitriju għall-parroċċa ta' Marija Bambina fl-Isla, li hu pinġa fl-1885.





Cali għamel ukoll diversi xogħlijiet flimkien ma' Ignazio Carlo Cortis, fosthom id-dekorazzjoni tal-knejjes parrokkjali ta' San Lawrenz fil-Birgu u dik tas-Salvatur f'Ħal Lija.

Fl-aħħar żmien tas-seklu dsatax, Cali ħadem diversi proġetti fi knejjes, fosthom dawk tal-kwadri laterali li jinsabu fil-parroċċa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, kif ukoll kwadru ta' San Duminku fil-knisja ta' San Duminku magħrufa bħala Portu Salvu fil-Belt Valletta, fejn huwa kien ġie mgħammed.

Cali kien għamel impatt ta' malajr fuq is-soċjetà Maltija ta' dawk iż-żminijiet u ismu kien sar magħruf sew minn kulħadd. L-iktar li kien magħruf fostna kien għall-pittura tal-wiċċ. Kellu ħafna kummissjonijiet privati għad-dekorazzjoni ta' djar, veduti, kif ukoll ta' ritratti ta' nies magħrufin f'Malta. Huwa għamel madwar ħamsin ritratt b'kollox. Fosthom insibu r-ritratt li huwa għamel tal-Kardinal Lavigerie li kien ħadem fl-1884 li dak iż-żmien kien tpoġġa fis-sagristija tal-knisja parrokjali ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt u li llum jinsab mqiegħed f'post ieħor.

Aktar tard fl-1896 ħadem il-kwadru tal-Kardinal Logue, li kien żar Malta, li għamlu għall-knisja parrokkjali ta' San Publiju, il-Furjana. Insibu wkoll ħafna ritratti fil-Kamra tal-Kummerċ fil-Belt Valletta. Fost dawn insibu l-Gvernatur Richard More O'Ferrall, il-Markiż Emanuele Scicluna, Giovanni Battista Schembri, Achille Camilleri u Edward V. Ferro. Fil-Palazz ta' San Anton f'Ħ'Attard insibu ritratt ta' Sir Victor Houlton, li Cali kien pinġa fl-1881. Dan kien is-segretarju ewlieni tal-gvern.

Cali kien ħafif fuq xogħlu u matul ħajtu jingħad li ħadem madwar elfejn biċċa xogħol tal-arti. Sfortunatament matul il-gwerra nqerdu bosta xogħlijiet sbieħ fosthom dik tal-Kruċifissjoni li huwa kien għamel għall- parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema fl-1888.

Huwa baqa' jaħdem sa' l-aħħar ta' ħajtu, u miet il-Belt Valletta fl-1 ta' Marzu 1930, fl-età sabiħa ta' 84 sena.

F'għeluq il-mija u ħamsin sena mit-twelid ta' Giuseppe Cali, fl-1996, fil-Barrakka ta' Fuq fil-Belt, inkixef monument maħdum minn Ċensu Apap tal-bronż. Fl-2004 ġiet maħruġa munita biex tfakkar lil dan l-artist.

Nagħlqu dan l-artiklu billi nsemmu xi ftit mix-xogħlijiet tiegħu.

Il-Madonna tal-Karmnu li pinġa fl-1879 għall-parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun;

Il-Madonna tad- Duttrina li pinġa fl-1881 għall-Oratorju tal-parroċċa taż-Żurrieq;

Sant Andrija li pinġa fl-1882 għall-knisja l-qadima ta' Għajnsielem, Għawdex;

Il-mewt ta' Santu Wistin li pinġa fl-1883 għall-parroċċa tal-Mosta;

David, Eżekiel, Mosè u Isaija li pinġa fl-1884 li jinsabu taħt il-koppla tal- knisja parrokkjali ta' Bormla;

Il-Glorja ta' San Lawrenz, li pinġa f'c.a. 1889 għall-knisja parrokjali ta' San Lawrenz, Għawdex;

L-Adorazzjoni tal-Maġi li pinġa fl-1895 għall-parroċċa ta' Ħal-Tarxien;

Kristu mdawwar bit-tfal li pinġa fl-1897 għall-parroċċa ta' Ħal Lija;

Kristu u s-Samaritana li pinġa fl-1900 għall-parroċċa ta' Bormla;

San Franġisk de Paola li pinġa fl-1900 għall-parroċċa ta' Ħal-Tarxien;

Ir-Ragħaj it-Tajjeb li pinġa fl-1911 għall-kappella tal-Anglikani f'Bighi, il-Kalkara.